32000D0083

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Diċembru 1999

li tistipula kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u agrikoltura li ijoriġinaw fil-Pakistan

(notifikata bid-dokument numru K (1999) 4754)

(Test b'relevanza ŻEE)

(2000/83/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u tpoġġija fis-suq ta' prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

(1) grupp ta' esperti tal-Kummissjoni wettaq żjara ta' spezzjoni fil-Pakistan biex jivverifika il-kondizzjonijiet li bihom prodotti tas-sajd huma prodotti, maħżuna u mibgħuta lill-Komunità;

(2) id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Pakistan dwar spezzjonijiet ta' saħħa u monitorjar ta' prodotti tas-sajd jistgħu jitqiesu ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 91/493/KEE;

(3) Fil-Pakistan id-Dipartiment tas-Sajd fil-Baħar (MFD) tal-Ministeru ta' l-Ikel, Agrikoltura u t-Trobbija ta' l-Annimali huwa kapaċi li effettivament jivverifika l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

(4) il-proċedura għall-akkwist taċ-ċertifikat tas-saħħa riferit fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandha wkoll tkopri d-definizzjoni ta' ċertifikat mudell, il-ħtiijiet minimi fir-rigward ta' l-ilsien/ilsna li fihom għandu jiġi miktub u l-grad ta' l-uffiċjal li jkollu s-setgħa li jiffirmah;

(5) skond l-artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha titwaħħal marka mal-pakketti tal-prodotti tas-sajd li tkun turi l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' l-approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħżen tal-friża jew bastiment tal-friża ta' oriġini;

(6) skond l-artikolu 11(4)(c) tad-Direttiva 91/493/KEE, lista ta' l-istabbilimenti approvati/reġistrati, bastimenti fabbrika, jew imħażen tal-friża għandha titħejja; billi lista tal-bastimenti friża reġistrati fis-sens tad-Direttiva 92/48/KEE [3] għandha titħejja; billi dawn il-listi għandhom jitħejjew fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mill-MFD lill-Kummissjoni; billi għandha għalhekk tkun l-MFD li tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet preskritti għal dak il-għan fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

(7) l-MFD pprovdiet assigurazzjonijiet uffiċjali fir-rigward tal-konformità mar-regoli li hemm fil-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE, u fir-rigward tat-twettieq tal-ħtiġijiet ekwivalenti ma' dawk stipulati f'dik id-Direttiva għall-approvazzjoni jew reġistrazzjoni ta' stabbilimenti, bastimenti fabbrika, mħażen tal-friża jew bastimenti friża ta' oriġini;

(8) Il-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Dipartiment tas-Sajd fil-Baħar (MFD) tal-"Ministeru ta' l-Ikel Agrikoltura u Annimali Mrobbija" għandu jkun l-awtorità kompetenti fil-Pakistan għall-ivverifikar u ċertifikar tal-konformita ta' prodotti tas-sajd u akwakultura mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
[3] ĠU L 187, tas-7.7.1992, p. 41.

Artikolu 2

Prodotti tas-sajd u akwakultura li joriġinaw fil-Pakistan għandhom ikunu jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. kull konsenja għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat numerat oriġinali tas-saħħa, mimli kif imiss, iffirmat, datat u li jkun magħmul minn paġna waħda skond il-mudell fl-Anness A hawn mehmuż;

2. il-prodotti għandhom ikunu ġejjin minn stabbilimenti approvati, bastimenti fabbriki, imħażen tal-friża jew bastimenti tal-friża reġistrati elenkati fl-Anness B hawn mehmuż;

3. ħlief fil-każ ta' prodotti tas-sajd iffriżati bil-kwantità u maħsuba għall-manifattura ta' ikel priżervat, il-pakketti kollha għandhom iġorru l-kelma "Pakistan" u n-numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħżen tal-friża jew bastiment tal-friża ta' oriġini b'ittri li ma jitħassrux.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikati riferiti fl-Artikolu 2(1) għandhom ta' l-anqas jitħejjew f'ilsien uffiċċjali wieħed ta' l-Istat Membru fejn jitwettqu l-verifiki.

2. Iċ-ċertifikati għandhom ikollhom l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappreżentant ta' l-MFD u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar f'kulur differenti minn dak ta' ċertifikar ieħor.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għal prodotti tas-sajd u akwakultura li joriġinaw fil-Pakistan u maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea, eskluži molluski bivalvi, ekinodermi, *tunicates* u gastropodi tal-baħar tkun xi tkun il-forma tagħhom

Nru tar-Riferenza: .....

Pajjiż ta' dispaċċ: PAKISTAN

Awtorità kompetenti: Dipartment tas-Sajd fil-Bahar (MFD) tal-Ministeru ta' l-Ikel Agrikoltura u Annimali tat-Trobbija

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd/akwakultura [1]: .....

— speċji (isem xjentifiku): .....

— preżentazzjoni tal-prodott u tip tat-trattament [2]: .....

— Numru tal-kodifika (fejn disponibbli): .....

— Tip ta' pakkeġġar: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Piż nett: .....

— Temperatura mehtieġa tal-ħażna u tal-ġarr: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem/ismijiet u numru/i uffiċċjali approvat/i ta' l-istabbiliment/i, bastiment/i fabbrika jew maħżen/imħażen tal-friża jew bastiment/i tal-friża reġistrat/i mill-MFD għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea:

.....

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti huma mibgħuta

Minn-: .....
(post ta' dispaċċ)

lejn: .....
(pajjiż u post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi ta' trasport li ġejjin: .....

Isem u ndirizz ta' min jibgħat: .....

.....

.....

Isem tal-konsenjatarju u ndirizz fil-post ta' destinazzjoni: .....

.....

.....

[1] Ħassar kif japplika.
[2] Ħaj, imkessaħ, iffriżat, immellaħ, ittrattat bid-duħħan, priżervat, eċċ.

IV. **Attestazzjoni tas-saħħa**

— L-ispettur uffiċċjali b'dan jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. kienu maqbuda u mmaniġġati abbord bastimenti skodn ir-regoli tas-saħħa stipulati bid-Direttiva 92/48/KEE;
2. kienu mniżżla l-art, immaniġġati u fejn japplika ippakkeġġati, imħejjija, proċessati, iffriżati, imdewba u maħżuna iġjenikament b'konformità mal-ħtiġijiet imniżżla fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
3. ghaddew mill-kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
4. huma pakkeġġati, immarkati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
5. m'humiex ġejjin minn speċji tossiċi jew speċji li fihom biotossini;
6. ghaddew b'mod sodifaċjenti il-verifiki organoleptiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi preskritti ghal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u bid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni hemm mehmuża.

— L-ispettur uffiċċjali hawn taht iffirmat b'dan jiddikjara illi huwa konxju mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, id-Direttiva 92/48/KEE u d-Deċiżjoni 2000/83/KE.

Maghmula fi: ....., fi: .....
(Post) (Data)

timbru uffiċjali (3)

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċċjali (3)

.....
(Isem f'ittri kbar, kariga u kwalifikazzjonijiet tal-persuna li tiffirma)

(3) Il-kulur tat-timbru u l-firma ghandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

L-ANNESS B

LISTA TA' STABBILIMENTI APPROVATI

Numru	Isem	Indirizz
TEC/03/87	Mekran Fisheries (PVT) Ltd	West Wharf — Karachi
TEC/07/87	M/S A.G. Fisheries (PVT) Ltd	West Wharf — Karachi
TEC/21/90	M/S Pak Exports	West Wharf — Karachi
TEC/52/93	M/S Long Wharf Seafood	West Wharf — Karachi
TEC/61/94	M/S Spectrum Fisheries Ltd	West Wharf — Karachi
TEC/65/94	M/S Coastal Sea Foods	West Wharf — Karachi
TEC/71/95	M/S Sea Miles International	West Wharf — Karachi
TEC/58/94	M/S Marine Food Industries (PVT) Ltd	Korangi Creek — Karachi
TEC/22/90	M/S People Fisheries (PVT) Ltd	West Wharf — Karachi